Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

**27 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2025 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsilliera |
| Corinne Buhagiar - | Kunsilliera |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 12 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **12.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **12.01.01** | Ma kienx hemm |
| **12.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 12.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 11/2025, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard u ġew issekondati mill-kunsillier is-Sur Keith Galea. |
| **12.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 12.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill applika mal-Lands għat-tlett imħażen fi Pjazza George Mittrovich u ġew aċċettati minn naħa tal-lands, il-Kunsill qed jistenna id-dokumenti sabiex jiġi iffirmat il-kuntratt. Il-Kunsill ukoll applika mal-lands Application No: EXPRO1/2025/0011 għall-fetħa fejn kien hemm il-ħsieb li jsir il-lift fi Triq l-Arkati fejn hemm l-arzella sabiex tiġi mgħodija lil kunsill bħala expropriation. |
| 12.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser jgħaddi il-minuti tar-Reġjun Port tal-laqgħa preċedenti Port Nu 45 lil kunsilliera kollha dwar il-laqgħa għall-Belt kulturali Ewropea li saret fl-24 ta' Marzu 2025. |
| 12.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li bejn l-5 t' April u l-11 t' April 2025 ser issir filming fi żona ta' San Filippu u x-xatt. Il-Kumpanija Productin Hub ser tagħti donazzjoni ta' 2400 ewro li ser jintużaw biex jinbidlu l-fanali ta' Triq il-Vitorja. Il-Kunsill diġa biddel wieħed bħala prova biex jigi iċċekjat id-dawl jekk jurix biżżejjed. |
| 12.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsillier li l-Assoċċjazjoni tal-kunsilli Lokali bagħtet ċirkulari Cir AKL 2025/025 sabiex jaraw liema lokalita huwa interessat li l-ħlasijiet tal-Arms jibdew jitħallsu l-kunsill. Il-Kunsill tal-Isla huwa interessat, iżda s-segretarju eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li jrid ikollha skrivan/a ieħor jew oħra biex il-kunsill ikun jista joffri dan is-servizz u jekk l-iskrivani li għandu l-kunsill bħal issa jagħmlu dan is-servizz, irrid jitnaqqas minn servizzi oħra jew is-servizzi ta' ħlas jitqassmu bil-ġranet. L-iskrivani għandhom xogħol ta' permessi, ħlasijiet ta' kera u ċitazzjonijiet, u wara li jqabblu l-ġurnata tal-ħlasijiet |

| | |
|---|---|
| | jgħadduhom lil *assistant principal* biex din tkun tista iddaħħalhom fis-sitema tal-accounts u jiġu depożitati l-bank. Ma dawn inżidu li kull min jiġi għall xi servizz fil-kunsill idaħħal l-ilment jew is-suġġeriment tiegħu, ovjament dawn mhux kollha jiġu rekordjat għaliex l-iskrivani jippruvaw isolvu dawn is-suġġerimenti jew ilmenti dak il-ħin stess. Apparti minn dawn l-ilmenti it-telefonati ma jieqfu qatt. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li jekk ser jidħlu aktar flus cash irrid ikun hemm aktar sigurta fl-uffiċini u aktar sigurta meta jiġu depożitati l-flus. Apparti minn hekk il-Kunsill irrid jiftaħ kont ieħor sabiex il-flus tal-arms ma jitħaltux ma tal-kunsill u dawn ikun hemm bank charges oħra. Il-Viċi Sindku s-Sur Anthony Bonavia u l-kunsilliera Joeline Attard issuġġerew li l-arms joffru kont bankarju tagħhom u sistema ta' EPOS tal-Arms biss sabiex il-flus jidħlu dirett għand l-Arms u mhux fil-kont tal-kunsill. Il-Kunsilliera preżenti f'dan l-istadju huma interessatti li joffru is-servizz tal-ħlas tal-Arms iżda qabel irridu jkunu jafu il-proċess kif ser ikun u jinvestu aktar f'cameras u sigurta. Irrid issir antiporta fil-bieb ta' barra iżda dan irrid issir kif jitlesta ix-xogħol fl-ewwel kamra, u l-bieb għandu jinfetaħ bil-buzzer. Is-segretarju eżekuttiv fakkrithom li l-bagit għal din is-sena huwa diġa lest għalhekk irridu naħsbu għas-sena d-dieħla jew jekk issir xi investiment ieħor irrid jittnaqqas mil-bagit ta' din is-sena min xi proġetti oħra. |
| 12.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irrid jaħseb għall-futur sabiex meta is-Sa. Rita Baldacchino toħroġ bil-pensjoni il-kunsill irrid iġġib lil xi ħadd minfloka bl-istess kwalifiki. Apparti minn hekk is-segretarju eżekuttiv dejjem tisħaq fuq l-iskrivani biex dak li taf l-Assistant Principal ikunu jafuh l-iskravni ukoll u b'hekk iġibu aktar esperjenza. Is-Sindku spjega li aktar il-quddiem il-kunsill jista' jkollu introjtu mill-imħażen u mill-forti San Mikiel, iżda l-kunsill irrid ikollu impjegati responsabbli. |
| 12.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill qed jistenna DNO mill-planning authority sabiex ikun jista jinbeda x-xogħol fil-gardjola mill-Public Works. |
| 12.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li min jixtieq jassisti laqgħa online tal-Erasmus fl-4 t' April 2025 kemm jidħol fil-link bejn l-10am u l-11am. Is-Sa. Joeline Attard hija interessata li tissieħeb għall-din il-laqgħa virtwali. |
| 12.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill ħareġ NO Objection minħanba li ser jintuża sparar għall-filming. |
| 12.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-segretarju eżekuttiv bagħtet l-ħlasijiet u l-pagamenti kollha tal-iskema SPI/SCI/03/2024 Lokalitajiet aktar nodfa sabiex il-kunsill jiġi rimborsat għall dawn l-ispejjeż. |

| | |
|---|---|
| 12.03.10 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li x-xogħolijiet ta' Triq l-Oratorju u Triq il-Maċina ser jibdew wara l-Għid fil-21 t' April 2025 u għalhekk tqassmet ċirkolari li residenti ta' dawk l-inħawi. |
| 12.03.11 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li fi Triq Sant Anġlu ma Triq iż-Żewġ Mini saru tabelli u kaxxa safra mit-8am sat-8pm sabiex wieħed ikun jista' jieqaf u jħott ix-xirja mhux aktar minn 15 il-minuta. |
| 12.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li din il-ġimgħa ġew imħarka kull min kien ipparkjat fuq il-bankina fi Triq il-Vitorja u Triq iż-Żewġ Mini. Xi residenti ġew ikellmu lis-sindku fejn bdew jinsistu li dawn għandhom dritt għaliex kien hemm ftehim ma Transport Malta. Dan mhux veru qatt ma kien hemm dan il-ftehim għaliex kemm fil-kunsill kif ukoll fid-dipartiment ma hemm l-ebda ftehim iffirmat. Is-Sindku ser jitlob lil TM sabiex jatuh il-parti tal-liġi fejn tapplika li vetturi jistgħu jipparkjaw fuq bankina. |
| 12.03.13 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li jekk kien hemm xi individwi li kienu xogħol bil-karozza bin-numru Y plate u qala ċitazzjoni għaliex kien ipparkjat, il-kunsill ma jidħolx fiha iżda jekk irrid jista jappella. |
| 12.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill huwa mistieden minn Heritage Malta sabiex jattendi għall-attivita fid 9 t' April 2025 ġewwa l-knisja Santa Tereża f' Bormla fid-9.30am. Is-Sindku staqsa lil viċi sindku jekk jistax jattendi minfloku għaliex is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom laqgħat oħra f'dik il-ġurnata. |
| 12.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Liam Brincat sabiex jiddiskutu il-Bid Book li se issir għas-sena 2031 u għalhekk jekk jaħsbu f'xi attivita, snajja, spazji miftuħa, kultura, postijiet abandunati eċċ ibgħatu lil kunsill sabiex navviċċinaw lit-tim tal-Birgu2031. |
| 12.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-iskema għall-Attivitajiet Annwali 2025/2026 ser talgħaq iżda ma kienx hemm ċans jaħdmu fuq din l-iskema għalhekk jekk ser napplikaw baqa' ċans li l-kunsill japplika għat-tieni fażi sa l-aħħar ta' Mejju 2025. Is-Sindku stieden lil kunsilliera kollha sabiex jattendu għall-laqgħa mal-kumitat tal-festa nhar l-Erbgħa 2 t' April 2025 fis-7pm fil-kandlora sabiex jiddiskut biex jagħmlu programm għal din l-iskema tal-attivitajiet flimkien. Is-Sindku issuġġerixa li jekk ma jkunx hemm ftehim l-aħjar ikun hemm project manager biex dak in-nhar jieħu ħsieb il-project manager. Il-ħsieb tal-kunsilliera huwa li jġibu band mill-Lithuania peress li l-kunsill kien għamel skambju fi snin preċedenti. Il-Prezz għall din il-Band hija ta' madwar 6000 ewro. |

| | |
|---|---|
| 12.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fit-28 ta' Marzu ser issir il-purċissjoni tar-Redentur u ser tintwera fuq l-F Living . |
| 12.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva invit mill-Kunsill tal-Belt għall Jum il-Belt iżda sfortunatament ħadd ma jista' jattendi minħabba impenji oħra tal-lokal. |
| 12.03.19 | Is-Sindku ressaq l-ilment li irċieva minn ġgand il-kumitat tal-festa li hemm cables tal-Melita fi Triq iż-Żewġ Mini u dawn għadhom ma tneħħewx. Is-Sindku rid li din titniżel fil-minuti li dan l-ilment ġie irrapurtat. |
| 12.03.20 | Is-Sindku ressaq is-suġġeriment li għall-Ġieħ l-Isla, l-bord ikun kompost mis-Sur Fabian Mangion, mis-Sur Adrian Falzon, mis-Sur James Farrugia, mil-Perit Fleur Ebejer. Il-Kunsilliera is-Sa. Joeline Attard issuġġerit li jkun hemm ukoll is-Sa. Connie Galea. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma dan il-bord sabiex jinħarġu l-avviżi u l-applikazzjonijiet skond il-linji gwida preċedenti. |
| 12.03.21 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar l-iskema SPI SCI 08/2025 dwar assistenza ta' child care waqt il-laqgħat tal-kunsill, iżda l-kunsilliera tal-Isla m'għandhomx tfal żagħar għalhekk m'għandhomx bżonn dan is-serivizz. |
| 12.03.22 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill bagħat imejl lis-Sur Ramon Deguara d-direttur tal-Cleansing Department sabiex waa ir-regatta issir it-tindif matul ix-xatt, speċjalment fejn ir-Regatta Club. |
| 12.03.23 | Is-Sindku reġa informa lil kunsilliera li l-kunsill bagħat imejl lil perit Owen Baldacchino sabiex jgħati rendikont f'hix wasal it-test tal-konkos tal-pillastri tal-belveder fejn hemm il-letrina tax-xatt. Nhar it-Tlieta ser jiltaq' mal-kuntrattur li jieħdu dawn is-samples sabiex jeżaminaw il-konkos f'liema stat huwa. |
| 12.03.24 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li flimkien mas-segretarju eżekuttiv fis-7 t' April 2025 ser jiltaqgħu ma' Xjenza Malta Horizon dwar applikazzjoni għall-fondi mill-Ewropa għall- studju ta' Mobilita. Għal din il-laqgħa ser ikun hemm preżenti is-sindku u segretarju tal-lokalita' ta' Bormla u tal-Birgu kif ukoll il-periti Fleur Marie Ebejer mill-Planning Authority u l-Perit Anton Zammit mill-Universita. |
| 12.03.25 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-bollards eletroniċi ta' tender għal Smart Road Technology huma fil-post jonqos biss kemm iħadmuhom mill-applikazzjoni tal-mobajl jew kompjuter jiġifieri kemm jaċċessaw is-sistema awtomatika, kif ukoll il-linji taż-żebgħa fejn ġew imqabda B. Grima & Sons sabiex jagħmlu dawn ix-xogħolijiet ta' sinjali. Din is-sistema ser tkun ta' prova għal-ġurnata tal-Għid il-Kbir. |

| | |
|---|---|
| 12.03.26 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-sindku iltaqgħa mac-Chief of Staff tal-Ministru Chris Bonnett fejn qed jiġi diskuss sabiex Boiler Wharf jintuża bħala parkeġġ għar-residenti bejn is-sitta ta' filgħaxija sas-sitta ta' filgħodu. |
| 12.03.27 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu talba mill-Barman tal-Każin tal-Banda sabiex fl-4 t' April ikollu No Parking minn quddiem l-unloading sal-kantuniera fuq żewġ naħħat għal- użu tal-Bikers. Il-Kunsilliera kollha, qablu li jagħtu l-unloading biss. |
| 12.03.28 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li intbgħatet imejl minn għand is-Sur George Galea għall-*filming* ta' *reality show: 'The Bachelor' c/o DO PRODUCTIONS MALTA LTD* fejn il-Maċina u għalhekk talbu erbgħa spazji tal-karozzi u ser joffru donazzjoni għal-kunsill. |
| **12.4** | **Mozzjonijiet** |
| | Ma kienx hemm |
| **12.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk ġiex xi ħadd minflokk Rita Scicluna minħabba l-indafa tal-letrini u bins. Jista' l-kunsill jitlob għall-ħaddiem ieħor mill-community workers sabiex jieħu ħsieb il-belveder.<br><br>Is-Sindku infurmah li dan ix-xogħol qed jagħmlu is-Sur Michael Azzopardi tal-community workers.<br><br>Is-Sindku informa lil-viċi sindku u lil kunsilliera li jekk ikun hemm xi ħadd addattat għal dan ix-xogħol u lest li jaħdem b'responsabilta' iva jitkellem mad-direttur tal-Community Workers iżda għall issa m'hemm ħadd għall dan ix-xogħol. |
| **12.06** | **Rapporti** |

| | |
|---|---|
| 12.06.01 | Is-segretarju eżekuttiv preżentat l-ittra u l-audit financial report fejn kien hemm xi aġġustamenti li ġew irranġati mill-accountant tal-kunsill skond l-awdituri. Is-segretarju Eżekuttiv bagħtet draft copy lil kunsilliera kollha u l-management letter. Il-Kunsilliera unanimament approvaw dan ir-rapport fejn is-segretarju eżekuttiv ser tressaq ir-risposta tal-management letter fil-laqgħa li jmiss. |
| 12.06.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Frar 2025 u l-petty cash ta' Frar 2025 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |
| **12.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 12.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 03/2025 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Joeline Attard. |
| **12.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 12.08.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' April 2025 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 30 t' April 2025

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv